

Brussell, 9 ta' Diċembru 2025  
(OR. en)

15862/1/25  
REV 1

LIMITE

PECHE 413

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0285 (NLE)

---

---

## NOTA

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2026 - Thejjiġa għal qbil politiku

---

### I) INTRODUZZJONI

1. Il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq, abbażi tal-Artikolu 43(3) TFUE, fit-22 ta' Settembru 2025<sup>1</sup>. Il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2026 fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed, f'konformità mal-pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM). Il-Kummissjoni aġġornat il-proposta b'dokument informali ppreżentat fil-25 ta' Novembru 2025<sup>2</sup>.
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika tas-Sajd eżamina l-proposta fil-laqgħa tiegħu tad-9 ta' Ottubru 2025. Il-Kunsill sussegwentement kellu l-ewwel skambju ta' fehmiet dwar il-proposta fis-17 ta' Novembru 2025. Il-Ministri enfasizzaw b'mod partikolari l-importanza li jittieħed kont tal-aspett soċjoekonomiku meta tittieħed deċiżjoni dwar miżuri ġodda, bi Stat Membru wieħed jitlob moratorju fuq il-miżuri għall-2026.

---

<sup>1</sup> ST 13077/25 + ADD 1

<sup>2</sup> ST 15685/25

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika tas-Sajd fil-livell tad-Diretturi Ġenerali ddiskuta l-mekkaniżmu ta' kumpens b'mod ġenerali fit-18 ta' Novembru, filwaqt li l-Grupp ta' Ħidma fil-livell tal-attachés eżamina d-dokument informali tal-Kummissjoni fis-27 ta' Novembru 2025. F'din l-aħħar okkażjoni, id-delegazzjonijiet daħħlu riżervi ta' skrutinju dwar id-dokument informali. Delegazzjoni waħda talbet aktar kjarifiki tekniċi dwar id-dokument informali, inkluż il-metodi tal-kalkolu, u qajmet il-kwistjoni dwar il-fatt li wasal tard. Aktar dettalji dwar il-pożizzjonijiet tad-delegazzjonijiet jistgħu jinstabu fil-kummenti bil-miktub tagħhom<sup>3</sup>.
4. Verżjoni konsolidata tal-proposta nħarġet fit-28 ta' Novembru 2025<sup>4</sup>.
5. B'mod ġenerali, il-Presidenza temmen li l-prinċipji li ġejjin għandhom jiggwidaw id-diskussjonijiet u d-deċiżjoni finali:
- impenn qawwi lejn l-oġġettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament PKS<sup>5</sup>;
  - il-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran<sup>6</sup>;
  - deċiżjonijiet ibbażati fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli.
6. Il-Presidenza organizzat laqgħat trilaterali tekniċi fis-26 ta' Novembru mal-Kummissjoni u d-delegazzjonijiet sabiex tiċċara l-kwistjonijiet pendenti. Dawn il-kwistjonijiet huma ppreżentati fil-parti II hawn taħt.

## II) KWISTJONIJIET PENDENTI

7. Il-kwistjoni pendenti ewlenija hija t-tnaqqis fl-isforz tas-sajd għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Baħar Mediterran previst fl-Anness III tal-proposta tal-Kummissjoni.

---

<sup>3</sup> WK 16561/25 + ADD1

<sup>4</sup> ST 15905/25 + ADD1

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jstabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 508/2014 (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 1).

8. It-tnaqqis tal-isforz tas-sajd għas-sajd bit-tkarkir jammonta għal -65 % fl-unità tal-ġestjoni tal-isforz (EMU) <sup>17</sup> u -64 % fl-EMU <sup>28</sup>, abbażi tal-istat tal-istokk l-aktar vulnerabbli, jiġifieri l-iskampu fis-subżoni ġeografiċi (GSAs) 6 u 11. Fil-proposta tagħha, il-Kummissjoni tikkomplementa t-tnaqqis tal-isforz b'miżuri ta' rimedju: limiti fuq il-qbid tal-merluzz bl-għeżul u l-parit, projbizzjoni fuq l-użu tal-irkaptu tax-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti tewmin, u daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għall-iskampu. Barra minn hekk, il-proposta tistabbilixxi sforz tas-sajd massimu permissibbli għall-bastimenti tas-sajd bil-konz li jistadu għall-merluzz.
9. Fir-rigward tal-mekkaniżmu ta' kumpens, minbarra d-diversi kriterji, inkluż is-selettività u l-perjodi ta' għeluq, li jippermettu li l-bastimenti jiġu allokat ijiem ta' sajd addizzjonali, qed jiġi propost ukoll kumpens ġeografiku għall-bastimenti li jistadu f'ċerti GSAs. Il-mekkaniżmu ta' kumpens huwa limitat bl-ammont ta' jiem ta' sajd allokat i skont ir-Regolament 2024/259.
10. Id-delegazzjonijiet ikkonċernati jopponu dak it-tnaqqis minħabba l-impatt soċjoekonomiku sever tiegħu u jappellaw għal tiġdid tal-livell tal-isforz tas-sajd għall-2025. Żewġ delegazzjonijiet indikaw li l-proposta ma qisix l-effett tal-miżuri ta' selettività li kienu ġew introdotti fl-2025. Dwar il-miżuri ta' rimedju, żewġ delegazzjonijiet jopponu l-limiti ta' qbid għall-merluzz, b'delegazzjoni waħda tappella għal tiġdid. Delegazzjoni oħra topponi l-projbizzjoni tal-użu tal-irkaptu tax-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti tewmin, filwaqt li tinsisti li tinżamm in-natura volontarja tal-għażla tal-irkaptu użat. Delegazzjoni waħda pproponiet tnaqqis ta' 25 % fl-isforz tas-sajd bil-konz fl-EMU 2.
11. Fir-rigward tal-mekkaniżmu ta' kumpens, żewġ delegazzjonijiet semmew in-natura restrittiva tal-limitu massimu ġenerali tal-mekkaniżmu. Id-delegazzjonijiet jappellaw biex jinżammu l-kriterji u l-perċentwali marbuta kemm jista' jkun qrib il-miżuri tal-2025 sabiex ikun jista' jitkejjel l-effett fit-tul tal-mekkaniżmu, filwaqt li d-delegazzjonijiet kollha kkonċernati jsemmu speċifikament il-ħtieġa li jinżamm il-kriterju speċifiku dwar għeluq permanenti f'fond ta' inqas minn 800 m. Delegazzjoni waħda tqis li l-bastimenti li ilhom jimplementaw l-istess miżura għal perjodu itwal għandhom jirċievu aktar kumpens. Żewġ delegazzjonijiet qajmu tħassib dwar il-kumpens ġeografiku l-ġdid ibbażat fuq il-GSAs, inkluż ir-rekwiżit li bastiment ikun stad esklużivament f'ċertu GSA fl-2025. Delegazzjoni waħda talbet li tiġi inkorporata aktar flessibilità fil-mekkaniżmu fir-rigward tat-trasferiment tal-jiem ta' sajd bejn bastimenti li jkunu għażlu li jikkonformaw mal-istess kriterji.

---

<sup>7</sup> Ilmijiet Spanjoli u Franċiżi; magħmula mill-GSAs 1-2-5-6-7.

<sup>8</sup> Ilmijiet Franċiżi u Taljani; magħmula mill-GSAs 8-9-10-11.

12. Element ieħor li qed jiġi diskuss huwa t-tiġdid propost tal-limiti massimi ta' qbid permissibbli għall-gamblu blu u aħmar fiż-żewġ żoni ta' ġestjoni, kif ukoll għall-gamblu aħmar kbir fl-EMU 2. Delegazzjoni waħda talbet żieda għall-gamblu blu u aħmar fl-EMU 1, filwaqt li delegazzjoni oħra tenniet l-istess talba għall-gamblu aħmar kbir fl-EMU 2. Delegazzjoni waħda semmiet id-diffikultà li tintuża l-kwota tal-gamblu minħabba l-allokazzjoni ta' tant ftit jiem ta' sajd.
13. Delegazzjoni waħda titlob li titneħħa d-dispożizzjoni dwar it-tnaqqis bin-nofs tal-kumpens jekk Stat Membru kkonċernat ma jissottomettix in-notifika tiegħu ta' allokazzjoni addizzjonali ta' jiem ta' sajd lill-Kummissjoni qabel it-30 ta' Ġunju 2026.

### III) KONKLUŻJONI

14. Il-Kunsill mistieden jindirizza l-kwistjonijiet pendenti msemmija fil-punt II, bil-ħsieb li jintlaħaq qbil politiku fil-Kunsill Agrikoltura u Sajd ippjanat għall-11 u t-12 ta' Diċembru 2025.